MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1495/2005

**GasanMamo Insurance Limited**
**C 3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-**
**Assikurat taghha William Rizzo u**
**l-istess William Rizzo I.D. Nru. 121359 M**

**Vs**

**EneMalta Corporation**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta’ Lulju 2005, fejn intalab li l-Korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba` mija u disgha u sittin Liri Maltin u sitt centezmi (Lm469.06), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

It-Tribunal ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-korporazzjoni konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

It-Tribunal ra wkoll illi fis-26 ta' Settembru 2005 is-socjeta` attrici pprezentat fir-Registru Nota li permezz taghha cediet is-sorte izda zammet ferm it-talba ghall-ispejjes (inkluz VAT u l-imghaxijiet relattivi) li b'kollox jammontaw ghas-somma ta' Lm 131.30;

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-korporazzjoni konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2005, u lanqas ghas-seduta ta' llum;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u jidher ghalhekk illi l-pendenza giet rizolta bejn il-partijiet in kwantu s-sorte thallas fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici ghall-kundanna tal-korporazzjoni konvenuta ghall-hlas ta' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri tirrizulta gustifikata, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jipprovdi fuq il-mertu in vista tan-nota tas-26 ta' Settembru 2005, jilqa' t-talba limitatament ghall-kap ta' l-ispejjes u jikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta thallas l-ispejjez ta' dina l-istanza kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------